Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

22 ta' Frar 2018*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 92/85/KEE – Miżuri intiżi biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ta' ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu – Artikolu 2(a) – Il-punti 1 sa 3 tal-Artikolu 10 – Projbizzjoni ta' tkeċċija ta' ħaddiema matul il-perijodu mill-bidu tat-tqala tagħha sat-tmiem tal-leave tal-maternità tagħha – Kamp ta' applikazzjoni – Każijiet eċċezzjonali li ma humiex konnessi mal-kundizzjoni tal-ħaddiema kkonċernata – Direttiva 98/59/KE – Tkeċċijiet kollettivi – Artikolu 1(1)(a) – Raġunijiet mhux relatati mal-ħaddiema individwali – Ħaddiema tqila li tkeċċiet fil-kuntest ta' tkeċċija kollettiva – Raġunijiet għat-tkeċċija – Prijorità tal-ħaddiema għaż-żamma tal-pożizzjoni – Prijorità għal klassifikazzjoni mill-ġdid"

Fil-Kawża C-103/16:

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Cataluña (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta' Cataluña, Spanja), permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Jannar 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' Frar 2016, fil-proċedura

**Jessica Porras Guisado**

vs

**Bankia SA,**

**Sección Sindical de Bankia de CCOO,**

**Sección Sindical de Bankia de UGT,**

**Sección Sindical de Bankia de ACCAM,**

**Sección Sindical de Bankia de SATE,**

**Sección Sindical de Bankia de CSICA,**

**Fondo de Garantía Salarial (Fogasa),**

fil-preżenza ta':

**Ministerio Fiscal,**

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn L. Bay Larsen, President tal-Awla, J. Malenovský, M. Safjan (Relatur), D. Šváby u M. Vilaras, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-26 ta' Jannar 2017,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Bankia SA, minn C. Rodríguez Elias u V. García González, abogados,

– għall-Gvern Spanjol, minn M. J. García-Valdecasas Dorrego u A. Gavela Llopis, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Valero, A. Szmytkowska u S. Pardo Quintillán, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2017,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punti 1 u 2 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' mizuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 110), kif ukoll tal-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar *redundancies* kollettivi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5,Vol. 3, p. 327).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Jessica Porras Guisado u Bankia SA, taqsimiet sindikali differenti u l-Fondo de Garantía Salarial (Fogasa) (il-Fond ta' Garanzija tas-Salarji, Spanja), dwar il-legalità tat-tkeċċija li ġiet suġġetta għaliha S. Porras Guisado, fil-kuntest ta' tkeċċija kollettiva, waqt li kienet tqila.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

*Id-Direttiva 92/85*

3 Skont l-ewwel, is-seba', it-tmien u l-ħmistax-il premessa tad-Direttiva 92/85:

"Billi l-Artikolu 118a tat-Trattat [KEE] jipprovdi li l-Kunsill għandu jadotta, permezz ta' direttivi, rekwiżiti minimi bl-iskop li jiġi inkoraġġit it-titjib, speċjalment fl-ambjent tax-xogħol, biex jiġu protetti s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema;

[…]

Billi l-Artikolu 15 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurta' u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 349)] jipprovdi li gruppi partikolarment sensittivi għar-riskju għandhom ikunu protetti mill-perikli li jaffettwawhom b'mod speċifiku;

Billi ħaddiema tqal, ħaddiema li welldu reċentament jew li qed ireddgħu għandhom jiġu kkunsidrati bħala grupp ta' riskju speċifiku taħt ħafna aspetti, u jridu jittieħdu miżuri fir-rigward tas-sigurtà u s-saħħa tagħhom;

[…]

Billi r-riskju ta' tkeċċija għal raġunijiet assoċjati mal-kundizzjoni tagħhom jista' jkollu effetti li jagħmlu ħsara għall-istat fiżiku u mentali tal-ħaddiema tqal, ħaddiema li welldu reċentament jew li qed ireddgħu; billi għandha ssir dispożizzjoni biex tiġi pprojbita din it-tkeċċija".

4 Fil-paragrafu 1 tiegħu, l-Artikolu 1 tad-Direttiva 92/85, intitolat "Skop", jipprovdi:

"L-iskop ta' din id-Direttiva, li hija l-għaxar Direttiva individwali fis-sens ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE, huwa li jimplementa miżuri li jinkoraġġixxu titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ta' ħaddiema tqal u ħaddiema li welldu reċentement jew li qegħdin ireddgħu."

5 L-Artikolu 2 tad-Direttiva 92/85, intitolat "Tifisiriet", jipprovdi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

(a) ħaddiema tqila għandha tfisser ħaddiema tqila li tinforma lil min iħaddimha bil-kundizzjoni tagħha, skond il-liġi u/jew prattika nazzjonali;

(b) ħaddiema li welldet reċentement għandha tfisser ħaddiema li welldet reċentement fis-sens tal-leġislazzjoni u/jew prattika nazzjonali u li tinforma lil min iħaddimha dwar il-kundizzjoni tagħha skond dik il-liġi u/jew prattika;

(ċ) ħaddiema li qiegħda tredda'tfisser ħaddiema li qiegħda tredda' fis-sens tal-leġislazzjoni u/jew prattika nazzjonali u li tinforma lil min iħaddimha bil-kundizzjoni tagħha skond dik il-liġi u/jew prattika"

6 L-Artikolu 10 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Il-Projbizzjoni ta' Tkeċċija", jipprevedi:

"Sabiex jiġi ggarantit għall-ħaddiema, fis-sens ta' l-Artikolu 2, l-eserċizzju tad-drittijet tagħhom tal-protezzjoni tas-saħħa [u s-sigurtà] kif rikonoxxuti f' dan l-Artikolu, għandu jiġi provdut illi:

1. l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex tiġi pprojbita t-tkeċċija ta' ħaddiema, fis-sens ta' l-Artikolu 2, matul iż-żmien mill-bidu tat-tqala tagħhom sa tmiem il-leave tal-maternità msemmi fl-Artikolu 8(1), barra minn każijiet eċċezzjonali mhux konnessi mal-kundizzjoni tagħhom li huma permessi taħt il-liġi u/jew prattika nazzjonali u, meta applikabbli, sakemm l-awtorita' kompetenti tkun tat il-kunsens tagħha;

2. jekk ħaddiema, fis-sens ta' l-Artikolu 2, tiġi mkeċċa waqt iż-żmien imsemmi fil-punt 1, min iħaddimha jrid jiddikjara motivi ġġustifikati għat-tkeċċija tagħha, bil-miktub;

3. l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jipproteġu l-ħaddiema fis-sens ta' l-Artikolu 2, minn konsegwenzi ta' tkeċċija li hija llegali skond il-punt 1."

*Id-Direttiva 98/59*

7 Skont il-premessi 2 sa 4, u 7 tad-Direttiva 98/59:

"(2) Billi huwa importanti li jkun hemm iżjed protezzjoni għall-ħaddiema fil-każ ta' *redundancies* kollettivi waqt li jittieħed kont tal-bżonn ta' żvilupp ibbilancjat ekonomiku u soċjali fil-Komunità;

(3) Billi, minkejja ż-żieda ta' konverġenza, jibqgħu differenzi bejn id-disposizzjonijiet fl-Istati Membri dwar l-arranġamenti prattiċi u l-proċeduri għal din ir-*redundancy* u l-miżuri intenzjonati biex iserrħu mill-konsegwenzi tar-*redundancy* tal-ħaddiema;

(4) Billi dawn id-differeni jistgħu jkollom effett dirett fuq il-funzjonament tas-suq intern;

[...]

(7) Billi din l-approssimazzjoni għandha għalhekk tiġi promossa filwaqt li t-titjib qed jinżamm fit-tifsira ta' l-Artikolu 117 tat-Trattat [KEE]".

8 Fil-paragrafu 1(a) tiegħu, l-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat "It-tifsiriet u l-iskop", jipprovdi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

(a) '*redundancies* kollettivi' ifisser tkeċċijiet mix-xogħol minn min iħaddem għal raġuni waħda jew aktar mhux relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati meta, skond l-għażla ta' l-Istati Membri, in-numru tar-*redundancies* huwa:
(i) jew, fuq perijodu ta' 30 ġurnata:

– mill-inqas 10 fi stabbilimenti li normalment jimpjegaw iżjed minn 20 u inqas minn 100 impjegat,

– mill-inqas 10 % tan-numru ta' ħaddiema fi stabbilimenti li normalment jimpjegaw mill-inqas 100 iżda inqas minn 300 ħaddiem,

– mill-inqas 30 fi stabbilimenti li normalment jimpjegaw 300 ħaddiema jew iżjed,

ii) jew, fuq perijodu ta' 90 ġurnata, mill-inqas 20, ikun xi jkun in-numru ta' impjegati li [normalment] jaħdmu fl-istabbilimenti inkwistjoni".

9 Fil-paragrafi 1 sa 3 tiegħu, l-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva, intitolat "L-informazzjoni u l-konsultazzjoni", jipprovdi:

"1. Meta dak li jħaddem ikun qed jikkontempla *redundancies* kollettivi, huwa għandu jibda konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema fi żmien tajjeb bl-iskop li jintlaħaq ftehim.

2. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom, mill-inqas, ikopru mezzi u miżuri li jevitaw *redundancies* kollettivi jew tnaqqis ta' numri ta' impjegati affettwati, u biex jittaffew il-konsegwenzi billi jkun hemm rikors għal miżuri soċjali magħhom immirati, *inter alia*, li jgħinu għall-impjieg jew it-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema mingħajr xogħol.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jistgħu jużaw is-servizzi ta' esperti skond il-leġislazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali.

3. Sabiex jgħinu r-rappreżentanti tal-ħaddiema biex jagħmlu proposti kostruttivi, min iħaddem għandu fi żmien tajjeb matul il-konsultazzjonijiet:

(a) jfornihom bl-informazzjoni rilevanti kollha u

(b) f'kull każ jagħtihom notifka bil-miktub:
   (i) tar-raġunijiet għar-*redundancies* ipproġettati;
   (ii) tan-numri tal-kategoriji [tan-numri u l-kategoriji] ta' ħaddiema li se jisfaw bla xogħol;
   (iii) tan-numri u l-kategoriji tal-ħaddiema normalment impjegati;
   (iv) tal-perijodu meta r-*redundancies* ipproġettati għandhom jiġu effettwati;
   (v) tal-kriterji proposti għas-selezzjoni tal-ħaddiema li se jisfaw bla xogħol sakemm u safejn il-leġislazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali jagħtu l-poter għal dan lil min iħaddem;
   (vi) tal-metodu għall-kalkolu ta' xi pagamenti tar-*redundancy* ta' xort'oħra minn dawk ikkawżati mill-leġislazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali.

Min iħaddem għandu jgħaddi lill-awtorità pubblika kompetenti kopja ta', mill-inqas, l-elementi tal-kommunikazzjoni bil-miktub li hemm previsti fl-ewwel subparagrafu, l-punt (b), is-subpunti (i) sa (v)."

***Id-dritt Spanjol***

10 L-Artikolu 51 tat-texto refundido de la Ley del Estatuto de los Trabajadores, aprobado por el Real Decreto Legislativo 1/1995 (test imfassal mill-ġdid tal-Istatut tal-Ħaddiema, li jirriżulta mid-Digriet Leġiżlattiv Irjali Nru 1/1995), tal-24 ta' Marzu 1995 (BOE Nru 75, tad-29 ta' Marzu 1995, p. 9654), fil-verżjoni tagħha applikabbli fid-data tal-fatti tal-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem l-"Istatut tal-Ħaddiema"), dwar it-tkeċċija kollettiva, jipprovdi:

"1. Għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet [tal-Istatut tal-Ħaddiema], tkeċċija kollettiva tfisser it-terminazzjoni ta' kuntratti tax-xogħol minħabba raġunijiet ekonomiċi, tekniċi, jew marbuta mal-organizzazzjoni jew mal-produzzjoni, sakemm, matul perijodu ta' 90 jum, din it-terminazzjoni tirrigwarda tal-inqas:

(a) 10 ħaddiema fl-impriżi li jimpjegaw inqas minn 100 ħaddiem;

(b) 10 % tan-numru ta' ħaddiema fl-impriżi li jimpjegaw bejn 100 u 300 ħaddiem;

(c) 30 ħaddiem fl-impriżi li jimpjegaw iktar minn 300 ħaddiem.

Ir-raġunijiet għandhom jitqiesu li huma ekonomiċi meta r-riżultati tal-impriża juru sitwazzjoni ekonomika negattiva, f'każijiet li jkunu kkaratterizzati mill-eżistenza ta' telf attwali jew previst jew mit-tnaqqis persistenti tal-livell ta' dħul ordinarju jew tal-bejgħ. Fi kwalunkwe każ, it-tnaqqis għandu jitqies li jkun persistenti jekk, għal tliet trimestri konsekuttivi, il-livell tad-dħul ordinarju jew tal-bejgħ f'kull trimestru jkun iktar baxx minn dak irreġistrat matul l-istess trimestru tas-sena preċedenti.

[...]

2. It-tkeċċija kollettiva għandha tiġi ppreċeduta minn perijodu ta' konsultazzjonijiet tar-rappreżentanti legali tal-ħaddiema għal tul massimu ta' 30 ġurnata tal-kalendarju jew ta' 15-il ġurnata għall-impriżi b'inqas minn 50 ħaddiem. Il-konsultazzjoni tar-rappreżentanti legali tal-ħaddiema għandha tirrigwarda, mill-inqas, il-possibbiltajiet li jiġu evitati jew imnaqqsa t-tkeċċijiet kollettivi u li jittaffu l-konsegwenzi tagħhom permezz ta' miżuri soċjali li jmorru magħhom, bħal miżuri ta' klassifikazzjoni mill-ġdid jew azzjonijiet ta' taħriġ jew ta' taħriġ mill-ġdid sabiex titjieb il-possibbiltà ta' impjieg

mill-ġdid. Il-konsultazzjoni għandha titwettaq fi ħdan grupp speċjali ta' negozjati uniku filwaqt li, fejn hemm diversi postijiet ta' ħidma, dan il-grupp ikun ristrett għal-lokalitajiet affettwati mill-proċedura ta' tkeċċija kollettiva. […]

[…]

L-imprenditur għandu jikkomunika l-ftuħ tal-perijodu ta' konsultazzjoni lir-rappreżentanti legali tal-ħaddiema bil-miktub, b'kopja lill-awtorità tal-ħarsien tal-impjieg. Din il-komunikazzjoni bil-miktub għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

a) l-indikazzjoni tal-kawżi tat-tkeċċija kollettiva skont il-paragrafu 1;

b) in-numru ta' ħaddiema affettwati mit-tkeċċija u l-kategoriji professjonali tagħhom;

c) in-numru ta' ħaddiema impjegati b'mod regolari matul l-aħħar sena u l-kategoriji professjonali tagħhom;

d) il-perijodu li għalih huwa previst li t-tkeċċijiet għandhom jidħlu fis-seħħ;

e) il-kriterji meqjusa biex jingħażlu l-ħaddiema mkeċċija;

f) kopja tan-notifika tal-intenzjoni li jingħata bidu għal proċedura ta' tkeċċija kollettiva indirizzata mill-maniġment tal-impriża lill-ħaddiema jew lir-rappreżentanti tagħhom;

g) l-identità tar-rappreżentanti tal-ħaddiema li jagħmlu parti mill-grupp speċjali ta' negozjati jew, jekk ikun il-każ, it-tismija tal-fatt li dan il-grupp speċjali ta' negozjati ma ġiex ifformat fil-limiti ta' żmien legali;

[…]

5. Iż-żamma fl-impriża tal-pożizzjonijiet tar-rappreżentanti legali tal-ħaddiema hija prijorità fil-każijiet li għalihom jirreferi dan l-artikolu. Huwa possibbli li, permezz ta' ftehim kollettiv jew ftehim konkluż matul il-perijodu ta' konsultazzjoni, jiġu stabbiliti prijoritajiet għaż-żamma tal-pożizzjonijiet għal gruppi oħrajn, bħalma huma ħaddiema li għandhom ir-responsabbiltà ta' familja, l-impjegati li jkunu laħqu ċerta età u l-persuni b'diżabbiltà.

[…]"

11 L-Artikolu 52 tal-Istatut tal-Ħaddiema, dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt għal raġunijiet oġġettivi, jipprevedi:

"Il-kuntratt ta' xogħol jista' jiġi tterminat:

[…]

c) meta sseħħ xi waħda mill-kawżi msemmija fl-Artikolu 51(1) [tal-Istatut tal-Ħaddiema] u t-terminazzjoni tkun taffettwa numru ta' ħaddiema taħt il-limitu previst minn din id-dispożizzjoni.

[…]"

12 L-Artikolu 53 tal-Istatut tal-Ħaddiema, dwar l-għamla u l-effetti tat-terminazzjoni tal-kuntratt ta' xogħol għal raġunijiet oġġettivi, huwa fformulat kif ġej:

"1. L-adozzjoni tal-ftehim ta' terminazzjoni skont l-artikolu preċedenti hija suġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) ir-raġuni għandha tiġi kkommunikata lill-ħaddiem bil-miktub;

b) il-ħaddiem għandu jingħata, fil-mument tal-komunikazzjoni bil-miktub, kumpens li l-ammont tiegħu għandu jikkorrispondi għal 20 jum salarju għal kull sena ta' anzjanità, bil-perijodi ta' inqas minn sena jiġu kkalkolati *pro rata* għax-xhur maħduma, u li l-ammont totali tiegħu ma jistax jeċċedi t-12-il pagament mensili.

Jekk id-deċiżjoni ta' tkeċċija bbażata fuq l-Artikolu 52(c) [tal-Istatut tal-Ħaddiema] tkun ibbażata fuq raġunijiet ekonomiċi u din is-sitwazzjoni ekonomika tostakola milli l-ħaddiem jitħallas il-kumpens imsemmi fil-paragrafu preċedenti, il-persuna li timpjega tista' ma tagħmilx dan il-ħlas, u dan billi ssemmi l-impossibbiltà li tagħmel dan fil-komunikazzjoni bil-miktub, bla ħsara għad-dritt tal-ħaddiem li jeżiġi l-ħlas tiegħu meta t-tkeċċija tagħti l-effetti tagħha;

c) għandu jingħata perijodu ta' preavviż ta' 15-il jum, meħud inkunsiderazzjoni minn meta l-komunikazzjoni personali tingħata lill-ħaddiem sat-terminazzjoni tal-kuntratt tax-xogħol. Fl-ipoteżi msemmija fl-Artikolu 52(c), kopja ta' preavviż bil-miktub għandha tingħata għall-informazzjoni lir-rappreżentanti legali tal-persunal;

[...]

3. Id-deċiżjoni ta' tkeċċija tista' tiġi appellata daqslikieku kienet tkeċċija għal raġunijiet dixxiplinari.

4. Meta d-deċiżjoni tal-persuna li timpjega li ttemm il-kuntratt ta' xogħol tkun motivata minn waħda mir-raġunijiet li l-Kostituzzjoni jew il-liġi tikkwalifika bħala diskriminatorji u pprojbiti f'dan ir-rigward, jew inkella meta t-tkeċċija tkun twettqet bi ksur tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet pubbliċi tal-impjegat, id-deċiżjoni ta' tkeċċija tkun nulla, u din in-nullità għandha titqajjem *ex officio* mill-qorti.

Id-deċiżjoni ta' tkeċċija tkun nulla wkoll fil-każijiet li ġejjin:

a) meta din tittieħed matul perijodu ta' sospensjoni tal-kuntratt tax-xogħol marbuta mal-maternità, ma' riskju waqt it-tqala, ma' riskju waqt it-treddigħ naturali, ma' marda kkawżata mit-tqala, mit-twelid jew mit-treddigħ naturali, mal-adozzjoni jew mal-fostering jew mal-paternità msemmija fl-Artikolu 45(1)(d) [tal-Istatut tal-Ħaddiema] jew meta tiġi nnotifikata f'data tali b'mod li t-terminu ta' preavviż ikun jiskadi matul dan il-perijodu ta' sospensjoni;

b) meta din tkun tikkonċerna ħaddiema tqila, sa mill-bidu tat-tqala sal-bidu tal-perijodu ta' sospensjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti, jew ħaddiem li jkun talab jew li jibbenefika minn wieħed mit-tipi ta' leave previsti fl-Artikolu 37(4), (4bis) u (5) [tal-Istatut tal-Ħaddiema], jew li jkun talab jew li jibbenefika minn status mhux attiv skont l-Artikolu 46(3) ta' din il-liġi; meta din tkun tikkonċerna ħaddiema vittma ta' vjolenza fi ħdan il-koppja minħabba l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħha għal tnaqqis jew riorganizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol tagħha, għal mobbiltà ġeografika, għal bidla fil-post tax-xogħol jew għal sospensjoni tal-kuntratt tax-xogħol, fit-termini u kundizzjonijiet rikonoxxuti permezz tal-[Istatut tal-Ħaddiema];

c) meta din tkun tirrigwarda ħaddiem wara li jidħol lura għax-xogħol wara perijodi ta' sospensjoni tal-kuntratt tax-xogħol minħabba maternità, adozzjoni jew fostering jew paternità, sakemm inqas minn disa' xhur ikunu għaddew mit-twelid, mill-adozzjoni jew mill-fostering tal-wild.

Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi preċedenti japplikaw ħlief jekk, f'dawn il-każijiet, il-fondatezza tad-deċiżjoni ta' tkeċċija tkun iddikjarata li tibbaża ruħha fuq raġunijiet mhux relatati mat-tqala jew mal-eżerċizzju tad-dritt għal-leave u għall-istatus mhux attiv imsemmija hawn fuq.

Id-deċiżjoni ta' tkeċċija għandha titqies fondata jekk ir-raġuni li fuqha tkun ibbażata tkun ipprovata u jekk il-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu jkunu ssodisfatti. Fil-każijiet l-oħra, din għandha tiġi ddikjarata infondata.

L-assenza ta' avviż jew l-iżball skużabbli fil-kalkolu tal-kumpens madankollu ma jwasslux għall-assenza ta' fondatezza tat-tkeċċija, bla ħsara għall-obbligu tal-persuna li timpjega li tħallas is-salarji korrispondenti għal dak il-perijodu jew l-ammont korrett tal-kumpens, u dan indipendentement mill-effetti l-oħra li jirriżultaw minnha.

5. Id-deċiżjoni tal-awtorità ġudizzjarja li tiddikjara n-nullità, il-fondatezza jew l-assenza ta' fondatezza tad-deċiżjoni ta' tkeċċija tipproduċi l-istess effetti bħal dawk previsti għal tkeċċija għal raġunijiet dixxiplinari, suġġett għall-modifiki li ġejjin:

a) fejn id-deċiżjoni ta' tkeċċija tiġi ddikjarata fondata, il-ħaddiem għandu dritt għall-kumpens previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, li jibqa' validu fil-konfront tiegħu jekk ikun diġà rċevieh, u għandu jitqies li jinsab f'sitwazzjoni ta' qgħad minħabba raġunijiet lil hinn mir-rieda tiegħu;

b) fejn id-deċiżjoni ta' tkeċċija tiġi ddikjarata infondata u l-persuna li timpjega terġa' ddaħħal lill-ħaddiem, dan tal-aħħar ikun obbligat jirrimborsa l-kumpens riċevut. Jekk l-integrazzjoni mill-ġdid tiġi ssostitwita minn kumpens ekonomiku, dan għandu jitnaqqas mill-ammont ta' dan il-kumpens."

13 L-Artikolu 55 tal-Istatut tal-Ħaddiema, dwar il-forma u l-effetti tat-tkeċċija għal raġunijiet dixxiplinari, jipprovdi, fil-paragrafi 5 u 6 tiegħu:

"5. It-tkeċċija motivata minn waħda mir-raġunijiet li l-Kostituzzjoni jew il-liġi tikkwalifika bħala diskriminatorji u pprojbiti f'dan ir-rigward, jew li twettqet bi ksur tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet pubbliċi tal-ħaddiem, hija nulla.

It-tkeċċija hija wkoll nulla fil-każijiet li ġejjin:

a) meta din isseħħ matul perijodu ta' sospensjoni tal-kuntratt tax-xogħol marbuta mal-maternità, ma' riskju waqt it-tqala, ma' riskju waqt it-treddigħ naturali, ma' marda kkawżata mit-tqala, mit-twelid jew mit-treddigħ naturali, mal-adozzjoni jew mal-fostering jew mal-paternità msemmija fl-Artikolu 45(1)(d) [tal-Istatut tal-Ħaddiema] jew meta tiġi nnotifikata f'data tali b'mod li t-terminu ta' preavviż ikun jiskadi matul dan il-perijodu ta' sospensjoni;

b) meta din tkun tikkonċerna ħaddiema tqila, sa mill-bidu tat-tqala sal-bidu tal-perijodu ta' sospensjoni msemmi fil-paragrafu preċedenti, jew ħaddiem li jkun talab jew jibbenefika minn wieħed mit-tipi ta' leave previsti fl-Artikolu 37(4), (4a) u (5) [tal-Istatut tal-Ħaddiema], jew li jkun talab jew li jibbenefika minn status mhux attiv skont l-Artikolu 46(3) ta' din il-liġi; meta din tkun tikkonċerna ħaddiema vittma ta' vjolenza fi ħdan il-koppja minħabba l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħha għal tnaqqis jew riorganizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol tagħha, għal mobbiltà ġeografika, għal bidla fil-post tax-xogħol jew għal sospensjoni tal-kuntratt tax-xogħol, fit-termini u kundizzjonijiet rikonoxxuti permezz tal-[Istatut tal-Ħaddiema];

c) meta din tirrigwarda ħaddiem wara li jidħol lura għax-xogħol wara perijodi ta' sospensjoni tal-kuntratt tax-xogħol minħabba maternità, adozzjoni jew fostering jew paternità, sakemm inqas minn disa' xhur ikunu għaddew mit-twelid, mill-adozzjoni jew mill-fostering tal-wild.

Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi preċedenti japplikaw ħlief jekk, f'dawn il-każijiet, il-fondatezza tat-tkeċċija tiegħu tiġi ddikjarata li hija bbażata fuq raġunijiet mhux relatati mat-tqala jew mal-eżerċizzju ta' dritt għal-leave u għall-istatus mhux attiv imsemmija hawn fuq.

6. It-tkeċċija ddikjarata nulla twassal għar-reintegrazzjoni immedjata tal-ħaddiem u għall-ħlas tas-salarji mhux imħallsa."

14 L-Artikolu 13 tar-Real Decreto 1483/2012, or el que se aprueba el Reglamento de los procedimientos de despido colectivo y de suspensión de contratos y reducción de jornada (id-Digriet Irjali 1483/2012, li jadotta r-Regolament dwar il-Proċeduri ta' Tkeċċija Kollettiva, ta' Sospensjoni ta' Kuntratti u t-Tnaqqis fil-Ħin tax-Xogħol), tad-29 ta' Ottubru 2012 (BOE Nru 261, tat-30 ta' Ottubru 2012, p. 76292), jipprovdi:

"1. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 51(5) u tal-Artikolu 68(b) tal-[Istatut tal-Ħaddiema] u tal-Artikolu 10(3) tal-Ley Orgánica 11/1985 de Libertad Sindical [(Liġi Organika 11/1985 dwar il-Libertà ta' Sħubija f'Sindakat)], tat-2 ta' Awwissu 1985, il-pożizzjonijiet tar-rappreżentanti legali tal-ħaddiema għandhom jinżammu fil-kumpanija bi prijorità meta mqabbla ma' dawk tal-ħaddiema l-oħra affettwati mill-proċedura ta' tkeċċija kollettiva.

2. Il-ħaddiema membri ta' gruppi oħra jibbenefikaw ukoll minn prijorità għaż-żamma tal-pożizzjonijiet tagħhom fejn ikun miftiehem hekk permezz ta' ftehim kollettiv jew fil-ftehim konkluż matul il-perijodu ta' konsultazzjoni, bħall-ħaddiema li għandhom ir-responsabbiltà ta' familja, il-ħaddiema li jkunu laħqu ċerta età u l-persuni b'diżabbiltà.

3. It-tkeċċija ta' ħaddiema li jibbenefikaw minn prijorità għaż-żamma tal-pożizzjonijiet tagħhom fl-impriża għandha tkun motivata fid-deċiżjoni finali tat-tkeċċija kollettiva li jirreferi għaliha l-Artikolu 12."

15 L-Artikolu 122(2) tal-Ley 36/2011, reguladora de la jurisdicción social (il-Liġi 36/2011, dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Qrati Soċjali), tal-10 ta' Ottubru 2011 (BOE Nru 245, tal-11 ta' Ottubru 2011, p. 106584), fil-verżjoni tagħha applikabbli fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, jipprovdi:

"Id-deċiżjoni ta' tkeċċija hija nulla:

[…]

b) meta tkun ittieħdet b'evitar tal-liġi, billi jiġu evitati d-dispożizzjonijiet rigward it-tkeċċijiet kollettivi, fil-każijiet imsemmija fl-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 51(1) tal-[Istatut tal-Ħaddiema];

c) meta din tittieħed matul perijodu ta' sospensjoni tal-kuntratt tax-xogħol marbuta mal-maternità, ma' riskju waqt it-tqala, ma' riskju waqt it-treddigħ naturali, ma' marda kkawżata mit-tqala, mit-twelid jew mit-treddigħ naturali, mal-adozzjoni jew mal-fostering jew mal-paternità msemmija fl-Artikolu 45(1)(d) [tal-Istatut tal-Ħaddiema] jew meta tiġi nnotifikata f'data tali b'mod li t-terminu ta' preavviż ikun jiskadi matul dan il-perijodu ta' sospensjoni;

d) meta din tkun tikkonċerna ħaddiema tqila, sa mill-bidu tat-tqala sal-bidu tal-perijodu ta' sospensjoni msemmi fil-paragrafu (c) hawn fuq, jew ħaddiem li jkun talab jew li jibbenefika minn wieħed mit-tipi ta' leave previsti fl-Artikolu 37(4), (4a) u (5) [tal-Istatut tal-Ħaddiema], jew li jkun talab jew li jibbenefika minn status mhux attiv skont l-Artikolu 46(3) ta' dan l-istess kodiċi; meta din tkun tikkonċerna ħaddiema vittma ta' vjolenza fi ħdan il-koppja minħabba l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħha għal tnaqqis jew għal riorganizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol tagħha, għal mobbiltà ġeografika, għal bidla fil-post tax-xogħol jew għal sospensjoni tal-kuntratt tax-xogħol, fit-termini u kundizzjonijiet rikonoxxuti permezz tal-[Istatut tal-Ħaddiema];

e) meta din tirrigwarda ħaddiem wara li jidħol lura għax-xogħol wara perijodi ta' sospensjoni tal-kuntratt tax-xogħol minħabba maternità, adozzjoni jew fostering jew paternità, sakemm inqas minn disa' xhur ikunu għaddew mit-twelid, mill-adozzjoni jew mill-fostering tal-wild.

Id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq taħt (c), (d) u (e) għandhom japplikaw ħlief jekk, f'dawn il-każijiet, il-fondatezza tad-deċiżjoni ta' tkeċċija tiġi ddikjarata li tibbaża ruħha fuq raġunijiet mhux relatati mat-tqala jew mal-eżerċizzju tad-dritt għal-leave u għall-istatus mhux attiv imsemmija hawn fuq.

[...]"

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

16 Fit-18 ta' April 2006, J. Porras Guisado ġiet impjegata minn Bankia.

17 Fid-9 ta' Jannar 2013, Bankia tat bidu għal perjodu ta' konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema, jiġifieri s-sezzjonijiet sindakali taċ-CCOO, tal-UGT, tal-ACCAM, tas-SATE u taċ-CSICA, bl-għan li tipproċedi għal tkeċċija kollettiva.

18 Fit-8 ta' Frar 2013, il-grupp speċjali ta' negozjati, kif previst fl-Artikolu 51(2) tal-Istatut tal-Ħaddiema, wassal għal ftehim li jirrigwarda, b'mod partikolari, it-tkeċċija kollettiva li għandha titwettaq, il-modifika tal-kundizzjonijiet tax-xogħol kif ukoll il-mobbiltà funzjonali u ġeografika (iktar 'il quddiem il-"ftehim tat-8 ta' Frar 2013").

19 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, skont il-minuti dwar dan il-ftehim, il-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġu ddeterminati l-persuni kkonċernati mid-deċiżjoni ta' tkeċċija meħuda direttament mill-impriża huma dawn li ġejjin:

"1) Il-kamp ta' applikazzjoni se jkun il-provinċja jew il-gruppi jew l-unitajiet funzjonali tas-servizzi ċentrali fejn il-ħaddiema huma impjegati.

2) F'dan is-sens, ladarba jitnaqqsu [l-]pożizzjonijiet li l-impriża tiddeċiedi li tneħħi bħala konsegwenza tal-proċedura ta' adeżjoni [mal-programm ta' tluq ikkumpensat] u jitnaqqsu l-persuni kkonċernati mill-proċeduri ta' mobbiltà ġeografika u ta' klassifikazzjoni mill-ġdid sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet li jinqalgħu minn tluq volontarju tal-impjegati [...], l-impriża għandha tindika l-persuni kkonċernati mit-tkeċċija kollettiva fil-kamp ta' applikazzjoni korrispondenti, filwaqt li jitqies il-punteġġ li jirriżulta mill-proċeduri ta' evalwazzjoni tal-ħiliet u tal-indikaturi ta' potenzjal imwettqa mill-impriża."

20 Dawn l-istess minuti jipprovdu kriterji li jistabbilixxu l-prijoritizzazzjoni għaż-żamma tal-pożizzjoniijiet, jiġifieri:

"1) F'każ ta' żwieġ jew ta' unjoni bejn żewġ persuni, waħda minnhom biss tkun tista' tiġi kkonċernata, skont l-għażla tagħhom, skont il-ħtiġijiet funzjonali u l-profili mitluba, u għall-issodisfar ta' din il-kundizzjoni jista' jkun neċessarju trasferiment ġeografiku.

2) F'dak li jirrigwarda l-impjegati b'rata ta' inkapaċità ta' iktar minn 33 %, irrikonoxxut u kkonfermat mill-korpi kompetenti ta' kull komunità awtonoma, jekk il-pożizzjoni tagħhom tkun abolita, il-kumpannija għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-klassifikazzjoni mill-ġdid tagħhom, dment li l-pożizzjoni l-ġdida tkun tikkorrispondi għall-profil tagħhom."

21 Fit-13 ta’ Novembru 2013, Bankia nnotifikat lil J. Porras Guisado bl-ittra ta’ tkeċċija tagħha, fejn jingħad dan li ġej:

“Fil-każ speċifiku tal-provinċja ta’ Barcelona [Spanja], fejn inti taħdem, wara t-twettiq tal-proċedura ta’ adeżjoni mal-programm ta’ tluq ikkumpensat, wara t-tnaqqis ta’ persuni involuti mill-proċedimenti ta’ mobbiltà ġeografika u ta’ klassifikazzjoni mill-ġdid, huwa meħtieġ li jkompli jitnaqqas il-persunal, u l-impriża hija obbligata tittermina ċerti kuntratti tax-xogħol b’mod dirett, skont id-dispożizzjonijiet tal-[ftehim tat-8 ta’ Frar 2013].

Għal dan l-għan, mill-proċedura ta’ evalwazzjoni mwettqa fi ħdan l-impriża matul il-perijodu ta’ konsultazzjoni, u dan bl-għan tal-adozzjoni tal-ftehim tat-8 ta’ Frar 2013, li din tagħmel parti integrali minnu, jirriżulta li inti ksibt il-punteġġ ta’ 6 punti, li jfisser li l-punteġġ tiegħek huwa fost l-iktar punteġġi baxxi tal-Provinċja ta’ Barcelona, fejn taħdem int.

Għal dawn ir-raġunijiet, b’applikazzjoni tal-kriterji tal-għażla msemmija u bħala riżultat tar-raġunijiet esposti, ninfurmak li ddeċidejna li nitterminaw il-kuntratt ta’ xogħol tiegħek mill-10 ta’ Diċembru 2013.”

22 Fl-istess jum tan-notifika ta’ din l-ittra ta’ tkeċċija, J. Porras Guisado rċeviet somma ta’ flus mingħand Bankia bħala kumpens.

23 Fil-mument tat-tkeċċija tagħha, J. Porras Guisado kienet tqila.

24 Fit-9 ta’ Jannar 2014, il-persuna kkonċernata ressqet talba għal konċiljazzjoni li ma ntlaqgħetx.

25 Fit-3 ta’ Frar 2014, J. Porras Guisado kkontestat it-tkeċċija tagħha quddiem il-Juzgado de lo Social nº 1 de Mataró (il-Qorti tax-Xogħol Nru 1 ta’ Mataró, Spanja), li ċaħdet dan ir-rikors permezz ta’ deċiżjoni tal-25 ta’ Frar 2015.

26 J. Porras Guisado appellat minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju, jiġifieri t-Tribunal Superior de Justicia de Cataluña (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta’ Cataluña, Spanja).

27 Din il-qorti tenfasizza li t-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari ma tkoprix il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni stabbilita permezz tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta’ opportunitajiet indaqs u ta’ trattament ugwali ta’ l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta’ impjiegi u xogħol (ĠU 2006, L 204, p. 23). L-imsemmija talba hija intiża sabiex jiġi stabbilit jekk il-leġiżlazzjoni Spanjola tikkostitwixxix traspożizzjoni korretta tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85, li jipprojbixxi, ħlief f’każ ta’ eċċezzjoni, it-tkeċċija ta’ ħaddiema nisa tqal.

28 F’dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal Superior de Justicia de Galicia (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta’ Cataluña) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

“1) Il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva [92/85] għandu jiġi interpretat fis-sens li ċ-ċirkustanza ta’ ‘każijiet eċċezzjonali mhux konnessi mal-kundizzjoni tagħhom li huma permessi taħt il-liġi u/jew prattika nazzjonali’, bħala eċċezzjoni għall-projbizzjoni tat-tkeċċija ta’ ħaddiema tqal, li welldu jew li qed ireddgħu, hija ċirkustanza li ma hijiex ekwivalenti għal dik ta’ ‘raġuni waħda jew aktar mhux relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati’ li għaliha jirreferi l-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva [98/59], inkwantu hija iktar ristretta?

2) Fil-każ ta’ tkeċċija kollettiva, sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta’ każijiet eċċezzjonali, li jiġġustifikaw it-tkeċċija ta’ ħaddiema tqal, li welldu jew li qed ireddgħu konformement mal-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85, għandu jkun impost li l-ħaddiema affetwata ma tistax tiġi

ttrasferita mill-ġdid f'post tax-xogħol ieħor [f'pożizzjoni tax-xogħol oħra], jew huwa suffiċjenti li jintużaw bħala ġustifikazzjoni raġunijiet ekonomiċi, tekniċi u produttivi li jaffettwaw il-post tax-xogħol tagħha?

3) Hija konformi mal-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva [92/85] li tipprojbixxi t-tkeċċija tal-ħaddiema tqal, li welldu jew li qed ireddgħu, leġiżlazzjoni, bħal dik Spanjola, li tittrasponi l-imsemmija projbizzjoni billi tistabbilixxi garanzija li skontha jekk ikun hemm nuqqas ta' prova tar-raġunijiet li jiġġustifikaw it-tkeċċija tagħha din it-tkeċċija tiġi ddikjarata nulla (protezzjoni riparattiva) mingħajr ma tistabbilixxi projbizzjoni mit-tkeċċija (protezzjoni preventiva)?

4) Hija konformi mal-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva [92/85], leġiżlazzjoni, bħal dik Spanjola, li fil-każ ta' tkeċċija kollettiva ma tikkontemplax prijorità għaż-żamma fl-impriża tal-ħaddiema tqal, li welldu jew li qed ireddgħu?

5) Skont il-punt 2 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85, hija konformi leġiżlazzjoni nazzjonali li tqis bħala suffiċjenti ittra ta' tkeċċija bħal dik inkwistjoni f'din il-kawża li ma tagħmel ebda riferiment għall-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali, minbarra għall-dawk li jimmotivaw it-tkeċċija kollettiva, sabiex il-ħaddiema tiġi affettwata bid-deċiżjoni ta' terminazzjoni kollettiva?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari*

*Fuq l-osservanza tar-regoli proċedurali nazzjonali*

29 Bankia ssostni li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli peress li l-qorti tar-rinviju ma osservatx ir-regoli proċedurali nazzjonali. Fil-fatt, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, J. Porras Guisado invokat il-ksur tad-Direttiva 92/85 biss fl-appell. Issa, skont ir-regoli proċedurali nazzjonali, suġġett tal-kawża ġdid, distint minn dawk ifformulati fl-att promotur, ma jistax jintlaqa'.

30 Fi kwalunkwe każ, skont il-ġurisprudenza tal-qrati Spanjoli, fil-kuntest ta' rikors individwali kontra t-tkeċċija tagħha J. Porras Guisado ma għandhiex *locus standi* sabiex tikkontesta l-kriterji li jistabbilixxu prijoritizzazzjoni għaż-żamma tal-pożizzjonijiet, miftiehma bejn Bankia u r-rappreżentanti tal-ħaddiema u mniżżla fil-ftehim tas-8 ta' Frar 2013.

31 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, minn naħa, li, fil-kuntest tal-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tippronunzja ruħha la fuq l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolamentari nazzjonali u lanqas fuq il-konformità ta' tali dispożizzjonijiet mad-dritt tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tivverifika jekk id-deċiżjoni ta' rinviju ttieħditx konformement mar-regoli nazzjonali ta' organizzazzjoni u proċedurali legali (sentenza tas-7 ta' Lulju 2016, Genentech, C-567/14, EU:C:2016:526, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Għaldaqstant, l-argument ibbażat fuq nuqqas ta' osservanza tar-regoli proċedurali nazzjonali ma jistax iwassal, f'dan il-każ, għaċ-ċaħda, bħala inammissibbli, tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

*Fuq in-natura ipotetika tad-domandi preliminari*

33 Bankia tenfasizza li, fid-data tat-tkeċċija tagħha, J. Porras Guisado ma kinitx informatha bit-tqala tagħha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "ħaddiema tqila" msemmi fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 92/85, l-imsemmija direttiva ma tkunx applikabbli għall-kawża prinċipali. Konsegwentement, id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju huma ta' natura ipotetika.

34 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-istrument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali li l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE tikkostitwixxi, id-domandi li jirrigwardaw id-dritt tal-Unjoni jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ma huwiex possibbli għall-Qorti tal-Ġustizzja li tirrifjuta li tiddeċiedi fuq domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali, fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, ħlief meta, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti rigward il-kontenut tat-talba għal deċiżjoni preliminari li jinsabu fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jiġux osservati jew meta jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni jew l-evalwazzjoni tal-validità ta' regola tal-Unjoni, mitluba mill-qorti nazzjonali, ma jkollhom ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali jew meta l-problema tkun ta' natura ipotetika (sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju, kif huwa indikat fil-punt 27 ta' din is-sentenza, ippreċiżat li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija intiża sabiex jiġi stabbilit jekk il-leġiżlazzjoni Spanjola tikkostitwixxix traspożizzjoni korretta tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85, li jipprojbixxi, ħlief f'każ ta' eċċezzjoni, it-tkeċċija ta' ħaddiema nisa tqal.

36 Huwa paċifiku li J. Porras Guisado kienet tqila fil-mument tat-tkeċċija tagħha. Barra minn hekk, mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li hija sostniet, fil-kuntest tal-proċedura nazzjonali, li, fl-istess żmien, hija kienet informat lill-kollegi tagħha u lis-superjuri tagħha bit-tqala tagħha.

37 F'dawn iċ-ċirkustanzi u fin-nuqqas ta' kwalunkwe element kuntrarju mill-qorti tar-rinviju, għandu jiġi kkonstatat li din qiegħda tassumi li l-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 għandu japplika għal J. Porras Guisado.

38 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jidhirx b'mod manifest li d-domandi magħmula huma ipotetiċi jew ma għandhom ebda rabta mal-fatti jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali.

39 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-talba għal deċiżjoni preliminari għandha tiġi ddikjarata ammissibbli.

***Fuq l-ewwel domanda***

40 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-ipoteżi ta' "każijiet eċċezzjonali mhux konnessi mal-kundizzjoni tagħhom li huma permessi taħt il-liġi u/jew prattika nazzjonali" bħala eċċezzjoni għall-projbizzjoni ta' tkeċċija tal-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu ma hijiex ekwivalenti għal dik ta' "raġuni waħda jew aktar mhux relatati mal-ħaddiema individwali" li għalih jirreferi l-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59, iżda li din hija ipoteżi aktar ristretta.

41 Skont il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jipprekludu t-tkeċċija ta' ħaddiema nisa matul il-perijodu li jibda mill-bidu tat-tqala tagħhom sat-tmiem tal-leave ta' maternità, ħlief fil-każijiet ta' eċċezzjoni li ma jkunux marbuta mal-kundizzjoni, aċċettati mil-leġiżlazzjonijiet u/jew mill-prattiki nazzjonali u, fejn applikabbli, sa fejn l-awtorità kompetenti tkun tat l-approvazzjoni tagħha.

42 Fir-rigward tal-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59, din id-dispożizzjoni tipprovdi li l-kunċett ta' "tkeċċijiet kollettivi" tfisser tkeċċijiet imwettqa minn persuna li timpjega għal raġuni waħda jew iktar mhux relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati sakemm ċerti kundizzjonijiet ta' natura kwantitattiva u temporali huma ssodisfatti (ara s-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2009, Rodríguez Mayor *et*, C-323/08, EU:C:2009:770, punt 35).

43 Meta ħaddiema tqila, li qed tredda' jew li welldet reċentement titkeċċa fil-kuntest ta' proċedura ta' tkeċċija kollettiva, din tappartjeni kemm għall-grupp ta' ħaddiema protetti skont id-Direttiva 92/85 kif ukoll għal dak tal-ħaddiema protetti skont id-Direttiva 98/59. F'dan ir-rigward, hija għandha għaldaqstant tibbenefika simultanjament mid-drittijiet previsti minn dawn id-direttivi, li huma komplementari, kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 53 tal-konklużjonijiet tagħha.

44 Fir-rigward tal-każ tal-applikazzjoni magħquda ta' dawn id-direttivi, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, essenzjalment, jekk il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti t-tkeċċija ta' ħaddiema tqila minħabba tkeċċija kollettiva fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 98/59.

45 F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar li l-projbizzjoni ta' tkeċċija stabbilita fil-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 hija intiża, kif jirriżulta mill-ħmistax-il premessa ta' din id-direttiva, li jiġu evitati l-effetti li jagħmlu ħsara fuq l-istat fiżiku u mentali tal-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu li jistgħu jiġu kkawżati mir-riskju ta' tkeċċija għal raġunijiet assoċjati mal-kundizzjoni tagħhom.

46 Huwa preċiżament fid-dawl tar-riskju li tkeċċija eventwali jkollha fuq l-istat fiżiku u psikoloġiku tal-ħaddiema tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu, inkluż ir-riskju partikolarment serju li jħeġġeġ lill-ħaddiema tqila tinterrompi volontarjament it-tqala tagħha, li l-leġiżlatur tal-Unjoni, bis-saħħa tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85, ippreveda protezzjoni partikolari għall-mara billi stabbilixxa l-projbizzjoni ta' tkeċċija matul il-perijodu mill-bidu tat-tqala sat-tmiem tal-leave tal-maternità, ħlief f'każijiet eċċezzjonali mhux marbuta mal-kundizzjoni tagħhom u bil-kundizzjoni li l-persuna li timpjega tiġġustifika bil-miktub ir-raġunijiet ta' tkeċċija bħal din (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Novembru 2010, Danosa, C-232/09, EU:C:2010:674, punti 60 u 61).

47 B'hekk, peress li d-deċiżjoni ta' tkeċċija ttieħdet minħabba raġunijiet essenzjalment marbuta mal-kundizzjoni ta' tqala tal-persuna kkonċernata, hija inkompatibbli mal-projbizzjoni ta' tkeċċija prevista fl-Artikolu 10 ta' din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Novembru 2010, Danosa, C-232/09, EU:C:2010:674, punt 62).

48 Għall-kuntrarju, deċiżjoni ta' tkeċċija matul il-perijodu mill-bidu tat-tqala sa tmiem il-leave tal-maternità, għal raġunijiet mhux relatati mal-istat ta' tqala tar-ħaddiema, ma hijiex kuntrarja għall-imsemmi Artikolu 10, bil-kundizzjoni, madankollu, illi l-persuna li timpjega tagħti raġunijiet bil-miktub li jiġġustifikaw it-tkeċċija u li t-tkeċċija tal-persuna kkonċernata tkun permissibbli mil-leġiżlazzjoni u/jew mill-prattika nazzjonali kkonċernati, skont id-dispożizzjonijiet tal-punti 1 u 2 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Novembru 2010, Danosa, C-232/09, EU:C:2010:674, punt 63).

49 Minn dan isegwi li r-raġuni jew ir-raġunijiet mhux relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati, li għalihom jitwettqu t-tkeċċijiet kollettivi, fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/59, jaqgħu fil-każijiet ta' eċċezzjoni mhux konnessi mal-kundizzjoni tal-ħaddiema nisa, fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85.

50 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti t-tkeċċija ta' ħaddiema tqila minħabba tkeċċija kollettiva, fis-sens tal-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59.

*Fuq il-ħames domanda*

51 Permezz tal-ħames domanda tagħha, li għandha tiġi eżaminata fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-punt 2 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-persuna li timpjega li tkeċċi ħaddiema tqila fil-kuntest ta' tkeċċija kollettiva, mingħajr ma tipprovdilha raġunijiet differenti minn li jiġġustifikaw dik it-tkeċċija kollettiva u mingħajr ma tavżaha b'ċirkustanzi eċċezzjonali.

52 Skont il-punt 2 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85, fejn ħaddiema titkeċċa matul il-perijodu mill-bidu tat-tqala tagħha sat-tmiem tal-leave tal-maternità, il-persuna li timpjegaha għandha tagħti raġunijiet iġġustifikati għat-tkeċċija, bil-miktub.

53 B'hekk, il-persuna li timpjega għandha tesponi bil-miktub lil ħaddiema tqila li beħsiebha tkeċċi jew li diġà keċċiet mix-xogħol ir-raġunijiet mhux relatati mal-persuna ta' din tal-aħħar li għalihom hija qiegħda twettaq tkeċċija kollettiva, fis-sens tal-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59. Dawk ir-raġunijiet jistgħu jkunu, b'mod partikolari, ekonomiċi, tekniċi jew marbuta mal-organizzazzjoni jew mal-produzzjoni tal-impriża.

54 Barra minn hekk, huwa d-dmir tal-persuna li timpjega li tindika lill-ħaddiema tqila l-kriterji oġġettivi li ġew użati biex tindika l-ħaddiema li se jitkeċċew.

55 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta għall-ħames domanda għandha tkun li l-punt 2 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-persuna li timpjega li tkeċċi ħaddiema tqila fil-kuntest ta' tkeċċija kollettiva, mingħajr ma tipprovdilha raġunijiet differenti minn dawk li jiġġustifikaw din it-tkeċċija kollettiva, dment li jiġu indikati l-kriterji oġġettivi li ġew użati biex tindika l-ħaddiema li se jitkeċċew.

*Fuq it-tielet domanda*

56 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 għandux jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprojbixxix, bħala prinċipju, it-tkeċċija ta' ħaddiema tqila, li welldet reċentement jew li qed tredda' b'mod preventiv, u li tipprevedi n-nullità ta' din it-tkeċċija biss meta din tkun illegali, bħala kumpens.

57 Preliminarjament, għandu jitfakkar li mill-Artikolu 288 TFUE jirriżulta li waqt it-traspożizzjoni ta' direttiva, l-Istati Membri għandhom l-obbligu jiżguraw l-effett sħiħ ta' din, waqt li jiddisponu minn marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fl-għażla tal-mezzi u tal-metodi sabiex jiżguraw l-implementazzjoni tagħha. Din il-libertà għaldaqstant tħalli l-obbligu sħiħ, għal kull wieħed mill-Istati Membri destinatarji, li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw l-effett sħiħ tad-direttiva kkonċernata, skont l-għan li din trid tilħaq (sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2010, Base *et*, C-389/08, EU:C:2010:584, punti 24 u 25, u tad-19 ta' Ottubru 2016, Ormaetxea Garai u Lorenzo Almendros, C-424/15, EU:C:2016:780, punt 29).

58 Fir-rigward tal-kliem tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85, minn naħa, skont il-punt 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprojbixxu, fil-prinċipju, it-tkeċċija ta' dawn il-ħaddiema nisa. Min-naħa l-oħra, il-punt 3 tal-imsemmi artikolu jistipula li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipproteġu l-ħaddiema nisa mill-konsegwenzi ta' tkeċċija li hija illegali skont il-punt 1 tal-istess artikolu.

59 L-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 għaldaqstant jagħmel distinzjoni ċara bejn, minn naħa, il-protezzjoni kontra t-tkeċċija stess, bħala miżura preventiva, u, min-naħa l-oħra, il-protezzjoni kontra l-konsegwenzi tat-tkeċċija, bħala kumpens. Għaldaqstant, traspożizzjoni korretta ta' dan l-artikolu tobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu din il-protezzjoni doppja.

60 Fir-rigward tal-protezzjoni preventiva tal-ħaddiema nisa tqal, li jkunu welldu reċentement u li jkunu qed ireddgħu, kontra t-tkeċċija, għandu jiġi rrilevat li din hija ta' importanza partikolari fil-kuntest tad-Direttiva 92/85.

61 Fil-fatt, skont il-ħmistax-il premessa ta' din id-direttiva, ir-riskju ta' tkeċċijiet għal raġunijiet marbuta mal-kundizzjoni tagħhom jista' jkollu effetti li jagħmlu ħsara għall-istat fiżiku u mentali tal-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement jew li qed ireddgħu u għandu jkun hemm dispożizzjoni biex tiġi pprojbita t-tkeċċija ta' dawn tal-aħħar.

62 Huwa b'teħid inkunsiderazzjoni tar-riskju li tkeċċija eventwali taffettwa l-istat fiżiku u mentali tal-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement jew li qed ireddgħu, inkluż ir-riskju partikolarment serju li jista' jwassal sabiex il-ħaddiema tqila tinterrompi volontarjament it-tqala tagħha, li l-leġiżlatur tal-Unjoni, bis-saħħa tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85, ipprovda protezzjoni partikolari għall-mara billi stipula l-projbizzjoni ta' tkeċċija matul il-perijodu mill-bidu tat-tqala sat-tmiem tal-leave tal-maternità (sentenzi tal-14 ta' Lulju 1994, Webb, C-32/93, EU:C:1994:300, punt 21, u tal-11 ta' Novembru 2010, Danosa, C-232/09, EU:C:2010:674, punt 60).

63 B'hekk, fid-dawl tal-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 92/85 u, b'mod iktar partikolari, mill-Artikolu 10 tagħha, il-protezzjoni mogħtija minn din id-dispożizzjoni lill-ħaddiema nisa tqal, li welldu reċentement jew li qed ireddgħu teskludi kemm it-teħid ta' deċiżjoni ta' tkeċċija kif ukoll l-adozzjoni ta' miżuri preparatorji għat-tkeċċija, bħar-riċerka u l-previżjoni ta' sostitut definittiv tal-impjegata kkonċernata, minħabba t-tqala u/jew it-twelid ta' tarbija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Ottubru 2007, Paquay, C-460/06, EU:C:2007:601, punt 33).

64 B'teħid inkunsiderazzjoni tar-riskju fuq l-istat fiżiku u mentali tal-ħaddiema nisa tqal, li jkunu welldu reċentement u li jkunu qed ireddgħu li jġib miegħu r-riskju ta' tkeċċija, il-protezzjoni bħala kumpens, anki fl-ipoteżi fejn twassal għall-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema mara mkeċċija u għall-ħlas tas-salarji mhux imħallsa minħabba t-tkeċċija, ma tistax tissostitwixxi protezzjoni fuq bażi preventiva.

65 Għalhekk, sabiex tiġi żgurata traspożizzjoni fidila tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 kif ukoll il-protezzjoni tal-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu mir-riskju ta' tkeċċija, l-Istati Membri ma jistgħux jillimitaw ruħhom li jipprovdu biss, bħala kumpens, in-nullità ta' din it-tkeċċija meta din ma tkunx iġġustifikata.

66 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprojbixxix, bħala prinċipju, it-tkeċċija ta' ħaddiema tqila, li welldet reċentement jew li qed tredda', b'mod preventiv, u li tipprevedi biss in-nullità ta' din it-tkeċċija meta din tkun illegali, bħala kumpens.

*Fuq it-tieni u r-raba' domanda*

67 Permezz tat-tieni u r-raba' domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien u fl-aħħar lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 għandux jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-kuntest ta' tkeċċija kollettiva, fis-sens tad-Direttiva 98/59, la tipprevedi prijorità għaż-żamma tal-pożizzjonijiet u lanqas prijorità għal klassifikazzjoni mill-ġdid, applikabbli qabel dik it-tkeċċija, għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement jew li qed ireddgħu.

68 Skont il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85, l-Istati Membri għandhom "jieħdu l-passi neċessarji" sabiex, bħala prinċipju, jipprojbixxu t-tkeċċija tal-ħaddiema nisa matul il-perijodu mill-bidu tat-tqala tagħhom sa tmiem il-leave tal-maternità.

69 Fir-rigward tal-eżistenza ta' prijorità għaż-żamma tal-pożizzjoni ta' ħaddiema tqila, li welldet reċentement jew li qed tredda', fid-deċiżjoni tagħha l-qorti tar-rinviju tindika li, skont il-leġiżlazzjoni Spanjola, il-pożizzjonijiet tar-rappreżentanti legali tal-ħaddiema għandhom jinżammu fil-kumpannija bi prijorità meta mqabbla ma' dawk tal-ħaddiema l-oħra affettwati mill-proċedura ta' tkeċċija kollettiva u li l-ħaddiema li jagħmlu parti minn gruppi oħra wkoll għandhom jibbenefikaw minn prijorità għaż-żamma tal-pożizzjonijiet tagħhom meta dan ikun miftiehem permezz ta' negozjar, bħall-gruppi ta' ħaddiema li għandhom ir-responsabbiltà ta' familja, ta' ħaddiema li jkunu laħqu ċerta età jew ta' persuni b'diżabbiltà.

70 Minn dan ir-regolament il-qorti tar-rinviju tiddeduċi li l-ħaddiema nisa tqal għandhom jibbenefikaw minn prijorità għaż-żamma ta' pożizzjonijiet fl-impriża biss meta din il-prijorità tkun ir-riżultat ta' negozjar kollettiv. Il-qorti tar-rinviju żżid li l-ħaddiema li jibbenefikaw minn prijorità għaż-żamma tal-pożizzjoni tagħhom jistgħu jitkeċċew, iżda li, f'dan il-każ, il-persuna li timpjega għandha tiġġustifika raġunijiet eċċezzjonali li huma differenti minn dawk li fuqhom hija bbażata t-tkeċċija kollettiva.

71 F'dan il-każ, b'mod konformi mar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti t-tkeċċija ta' ħaddiema tqila, minħabba tkeċċija kollettiva, fit-tifsira tal-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59.

72 F'dan ir-rigward, huwa minnu li, kif irrilevat il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttiva 92/85, b'mod partikolari l-punt 1 tal-Artikolu 10 tagħha, ma jimponix fuq l-Istati Membri li jipprevedu prijorità għaż-żamma tal-pożizzjonijiet kif ukoll prijorità għal klassifikazzjoni mill-ġdid applikabbli qabel it-tkeċċija kollettiva, għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement jew li qed ireddgħu.

73 Madankollu, din id-direttiva, li fiha biss rekwiżiti minimi, bl-ebda mod ma teskludi l-possibbiltà għall-Istati Membri li jiggarantixxu protezzjoni ogħla għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement jew li qed ireddgħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2001, Jiménez Melgar, C-438/99, EU:C:2001:509, punt 37).

74 Għaldaqstant, ir-risposta għat-tieni u r-raba' domanda għandha tkun li l-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-kuntest ta' tkeċċija kollettiva, fis-sens tad-Direttiva 98/59, la tipprevedi prijorità għaż-żamma tal-pożizzjonijiet u lanqas prijorità għal klassifikazzjoni mill-ġdid, applikabbli qabel dik it-tkeċċija, għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement jew li qed ireddgħu, mingħajr madankollu ma tiġi eskluża l-possibbiltà għall-Istati Membri li jiggarantixxu protezzjoni ogħla għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement jew li qed ireddgħu.

**Fuq l-ispejjeż**

75 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' mizuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE), għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti t-tkeċċija ta' ħaddiema tqila minħabba tkeċċija kollettiva fis-sens tal-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar *redundancies* kollettivi.**

2) **Il-punt 2 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-persuna li timpjega li tkeċċi ħaddiema tqila fil-kuntest ta' tkeċċija kollettiva, mingħajr ma tipprovdilha raġunijiet differenti minn dawk li jiġġustifikaw din it-tkeċċija kollettiva, dment li jiġu indikati l-kriterji oġġettivi li ġew użati biex tindika l-ħaddiema li se jitkeċċew.**

3) **Il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprojbixxix, bħala prinċipju, it-tkeċċija ta' ħaddiema tqila, li welldet reċentement jew li qed tredda', b'mod preventiv, u li tipprevedi n-nullità ta' din it-tkeċċija biss meta din tkun illegali, bħala kumpens.**

4) **Il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-kuntest ta' tkeċċija kollettiva, fis-sens tad-Direttiva 98/59, la tipprevedi prijorità għaż-żamma tal-pożizzjonijiet u lanqas prijorità għal klassifikazzjoni mill-ġdid, applikabbli qabel dik it-tkeċċija, għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement jew li qed ireddgħu, mingħajr madankollu ma tiġi eskluża l-possibbiltà għall-Istati Membri li jiggarantixxu protezzjoni ogħla għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement jew li qed ireddgħu.**

Firem